



Brussell, 7 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6566/25

COPS 86
POLMIL 43
EUMC 82
COWEB 23
CFSP/PESC 342
CSDP/PSDC 122
RELEX 246
BIH 1
PSC DEC 10

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kap tal-Element ta' Koordinazzjoni tal-UE f'Napli għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina (BiH/39/2025)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kap tal-Element ta' Koordinazzjoni tal-UE f'Napli
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina
(BiH/39/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

¹ ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2004/570/oj.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina (Operazzjoni ALTHEA), biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 25 tat-Trattat, u biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u l-Kmandant tal-Forza għall-Operazzjoni ALTHEA.
- (2) Permezz ta' Skambju ta' Ittri bejn is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO fit-28 ta' Settembru 2004 u fit-8 ta' Ottubru 2004, rispettivament, il-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana qabel li jagħmel lill-Kap Kmandant tal-Kwartieri Ġenerali tal-Kmand tal-Forza Konġunta f'Napli disponibbli biex iwettaq il-funzjoni tiegħu bħala Kap tal-Element ta' Kmand tal-UE (EUCE) f'Napli.
- (3) Fis-6 ta' Diċembru 2023 il-KPS approva l-Pjan tal-Operazzjoni ALTHEA (REV 7), li jiddikjara li jekk il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ma jkunx għadu f'pożizzjoni li jaqdi dmirijietu, għal mard jew raġuni oħra, il-Kap tal-EUCE jaġixxi bħala deputat għall-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE sakemm il-KPS jiddeċiedi mod ieħor.
- (4) Fl-4 ta' Frar 2025, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE tal-Operazzjoni ALTHEA rrakkomanda li l-Logutenent Ġeneral Rodolfo SGANGA, Kap tal-Persunal tal-Kwartieri Ġenerali tal-Kmand tal-Forza Konġunta Napli, jinħatar bħala Kap tal-Element ta' Koordinazzjoni tal-UE f'Napli għall-Operazzjoni ALTHEA u li jissostitwixxi l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE meta dik il-persuna ma tibqax f'pożizzjoni li twettaq id-dmirijiet tagħha.

- (5) Fis-7 ta' Frar 2025, il-Kumitat Militari tal-UE approva dik ir-rakkomandazzjoni.
- (6) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen adotta dikjarazzjoni li ssostni li l-arranġamenti "Berlin plus" u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll membri tan-NATO jew partijiet għas-"Sħubija għall-Paċi", u li konsegwentement ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Logutenent Ġeneral Rodolfo SGANGA huwa b'din maħtur Kap tal-Element ta' Koordinazzjoni tal-UE f'Napli għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina (Operazzjoni ALTHEA).

Artikolu 2

1. Jekk il-Kmandant tal-Operazzjoni għall-Operazzjoni ALTHEA ma jibqax f'pożizzjoni li jaqdi d-dmirijiet tiegħu, il-Kap tal-Element ta' Koordinazzjoni tal-UE f'Napli għandu jassumi l-kmand *ad interim* tal-Operazzjoni ALTHEA. F'tali każ, il-kap kmandant tal-Grupp tal-Persunal tal-UE tal-Operazzjoni ALTHEA għandu jinforma lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) bil-miktub.
2. Il-kmand *ad interim* għandu jibda immedjatament malli jirċievi din l-informazzjoni mill-President tal-KPS.
3. Il-kmand *ad interim* għandu jieqaf meta l-KPS jadotta deċiżjoni ġdida dwar il-Kmandant tal-Operazzjoni għall-Operazzjoni ALTHEA.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kumitat Politiku u
ta' Sigurtà
Il-President*
